MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1184/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali
tas-socjeta estera Canon Kabushiki Kaisha**

**vs**

**Dr. Cedric Mifsud u P.L. Melissa Anastasi
gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw
lill-assenti kunsinjatarju AL TAQNIAT AL HADIETA
CO
b'digriet tat-2 ta' Frar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-16 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Canon Kabushiki Kaisha ta' 30-2, Shimomaruko, 3-Chrome, Ohta-ku, Tokyo, Japan, sabiex jirraprezenta l-

azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom;

2. Illi s-socjeta’ rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea : (a) *community trademark* ‘CANON’, bin-numru ta’ registrazzjoni 3461721(Dok. C1);

3. Illi fl-ghoxrin (20) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru ECMU 1818935 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM VERLAINE liema vapur kien gej minn Chiwan/Shenzhen, Cina fi triqtu lejn Tripoli, LIbya u l- container kien fih total ta’ tlett mija u wiehed u sittin (361) *laser cartridge toners* (Dok. C2) kollha bil-marka ‘CANON’ anke fuq l-ippakkeggjar taghhom, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali;

4. Illi fit-tlieta (3) ta’ Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru CMAU 1518880 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM NERVAL liema vapur kien gej minn Chiwan, Cina fi triqtu lejn Tripoli, Libya u l-container kien fih total ta’ hames mija u ghaxar (510) *laser cartridge toners* (Dok. C3) kollha bil-marka ‘CANON’ anke fuq l-ippakkeggjar taghhom, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali;

5. Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine u wara li l-istess gew ezaminati minn espert specjalizzati mqabbad minn Canon Kabushiki Kaisha, fejn gie determinat li dawn il-*laser catridge toners* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Canon Kabushiki Kaisha, u li l-imsemmija *trademarks* ta’ Canon Kabushiki

Kaisha riprodotti fuq l-istess *laser cartridge toners* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Canon Kabushiki Kaisha u r-rapport ta' l-istess huwa anness u mmarkat bhala Dok. C4;

6. Illi r-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din-it-talba li jinzammu dawn il-*laser cartridge toners*;

7. Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa AL TAQNIAT AL HADIETA CO minn Tripoli, Libya, u dan skond dak citat fil-poloz ta' taghbija numru GGZ0330746 (Container No. ECMU 1818935) (Dok. C5) u SHZ1051036 (Container No. CMAU 1518880) (Dok. C6);

8. Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artikolu 10(2)(b) ta' l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti ta' l-artikoli 14-19 tal-istess Kap. 416 u l-artikoli 7 u 8 ta' l-istess Kap. 414;

9. Illi s-socjeta' rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti tlett mija u wiehed u sittin (361) toners (Dok. C2) kollha bil-marka 'CANON' u hames mija u ghaxar (510) *laser cartridge toners* (Dok. C3) kollha bil-marka 'CANON', u li jinsabu prezentement

taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-containers bin-numru ECMU 1818935 u CMAU 1518880 kontenenti l-imsemmija *laser cartridge toners* rispettivament, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tal-*community trademark* 'CANON', bin-numru ta' registrazzjoni CTM 3461721(Dok. C1);

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *laser cartridge toners* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk il-*laser cartridge toners*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta' l-intimati;

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni talba tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija *laser cartridge toners* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali ta' l-istess *laser cartridge toners*;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. C1 sa Dok. C6;

Rat id-digriet tat-2 ta' Frar 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tat-2 ta' Marzu 2011 fejn ecceppew:

Illi l-kuraturi ghamlu bosta tentattivi sabiex jikkuntatjaw lis-socjeta' intimata Al Taqniat Al Hadieta Co. pero sal-lum dawn it-tentattivi ghad ma kellhomx ezitu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti tal-kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirrnexxielhom jaghmlu kuntatt jirriservaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Cedric Mifsud bhala kuratur deputat li ddikjara li ma rceva ebda komunikazzjoni minghand l-assistit tieghu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li is-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markju 'Canon' u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti C1, liema markju hu registrat fir-Registru Trademarks komunitarji numru 3461721.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru ECMU1818935 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM VERLAINE li kien diehel Malta fis-27 ta' Settembru 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' print laser ink cartridges liema konsenja tikkonsisti fi tlett mija u wiehed u sittin (361) print laser ink cartridges u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 9 ta' Novembru 2010 (Dok. C4) maghmul minn Alan Carpenter, investigations manager imqabbad mis-socjeta' rikorrenti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'*container* Numru CMAU151880 li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM NERVAL li kien diehel Malta

fil-25 ta' Ottubru 2010 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' print laser ink cartridges liema konsenja tikkonsisti f'hanes mija u ghaxra (510) print laser ink cartridges u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 9 ta' Novembru 2010 (Dok. C4) maghmul minn Alan Carpenter, investigations manager imqabbad mis-socjeta' rikorrenti.
Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u s-socjeta` attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu ndikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat esebiti bhala Dok. C1 sa Dok. C6 u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludi l-affidavits tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (Dok. B u C) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Alan Carpenter li kkonferma li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha nkluzi sabiex issir id-distruzzjoni ta' l-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit ta' George Agius (Dok. B u C) datati 25 ta' Frar 2011. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej:

## Konkluzzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tlett mija u wiehed u sittin (361) laser printer ink cartridges u hames mija u ghaxar (510) laser printer ink cartridges in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija (skond l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' dawn il-konsenji ta' ink cartridges cioe tlett mija u wiehed u sittin (361) laser printer ink cartridges u hames mija u ghaxar (510) laser printer ink cartridges b'Containers Numri ECMU1818935 u CMAU1518880 da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti nkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a)(i)(ii)(iii) u (b) tal-Kap. 414 [Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)] u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tat-Trademarks registrati f'isem is-socjeta` rikorrent fir-Registru tal-Markji Komunitarji bin-numru 3461721;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex abbazi ta' l-ewwel zewg talbiet attrici fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-laser printer ink cartridges in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tas-socjeta` intimata, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414;

4. Tordna lis-socjeta` intimata thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-laser printer ink cartridges in kwistjoni, u ta' l-ispejjez ta' l-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal- Kap. 414 kif jirrizulta mill-affidavit tar-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana Dok. B u C;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta'/entita' konvenuta b'dan li lkuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------